DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' April 2010

li tirrevoka d-Deċiżjoni 2009/780/KE li tiffissa l-ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni volontarja fil-Portugall għas-snin kalendarji 2010, 2011 u 2012

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 2516)

(Il-verżjoni bil-Portugiż biss hija awtentika)

(2010/235/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi regoli għal modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2009/780/KE [2] stabbilixxiet l-ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni volontarja fil-Portugall għas-snin kalendarji 2010, 2011 u 2012.

(2) Peress illi d-diffikultajiet fis-settur agrikolu ipprovokati mill-kriżi ekonomika, għandhom għaddejjin b'impatt negattiv fuq il-qagħda ekonomika tal-bdiewa, il-Portugall ikkomunika lill-Kummissjoni li huwa ddeċieda li ma japplikax il-modulazzjoni volontarja.

(3) Id-Deċiżjoni 2009/780/KE għandha għalhekk tiġi revokata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2009/780/KE hija b'dan imħassra.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Portugall.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

Dacian CIOLOȘ

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1.
[2] ĠU L 278, 23.10.2009, p. 59.